# IL-Forzi Militari Ingliżi f'Għajnsielem

Billi dan l-aħħar, fil-programm "Tifkiriet" imxandar minn fuq Radju Malta, kienu mfakkra l-forzi militari Ingliżi f' Malta, jiena tħajjart nipprova niftakar u nfakkar xi ħjiel dwar dak li kont nisma' u li xi ħaġa kont rajt, fuq dak li jirrigwarda l-forzi militari li kienu jkunu stazzjonati fil-fortizza Chambrai li tinsab fir-raħal tagħna Għajnsielem, fortizza li xi anzjani ta' qabilna kienu jsejħulha wkoll "Il-Belt", lokal li tokkupa medda ta' art ikbar minn dik taċ-Ċittadella.



Ta' qabli kienu jsemmu lil dawk is-suldati stazzjonati f'Chambrai, li jekk qed niftakar sew, kienu nġabu feruti u għajjiena mill-gwerra ta' Gallipoli u tal-Crimea, li milli jidher, u kif nista' nifhem jiena, ma kinux ftit, għax anke kienu twaqqfu għalihom kampijiet f'għelieqi fi Triq Imġarr fl-istess raħal .

Hu ċert allura, li l-poplu ta' Għajnsielem, b'xi mod jew ieħor gawda minn dak l-istazzjonar hekk numeruż ta' tant servizzi militari, u jiena ma neskludix il-fatt, li dik il-parti tar-raħal tagħna mlaqqma Balzunetta, laqamha tnissel minn xi bużillotti li setgħu kienu għamlu dawk l-Ingliżi jew xi oħrajn li forsi ġew wara.

Fil-fortizza Chambrai niftakar iċ-ċimiterju, li dan l-aħħar, diżgrazzjatament ġie żgombrat minħabba l-iżvilupp li sar ġewwa l-fortizza. Ċimiterju ieħor li jiena naf bih u li kien barra mill-kwartieri fil-foss kien għal dawk is-suldati kattoliċi u bħala abbati jiena kont immur mal-kappillan tagħna fil-Għid tal-Imwiet biex imbirkuh .

Ċimiterju ieħor jidhirli li kien hemm wkoll barra mis-swar għall-protestanti. Kif jidher dawk iċ-ċimiterji ma kinux biżżejjed, għax minħabba xi raġuni sar ieħor ftit il-bogħod mill-fortizza, li l-militar fi żmieni, b'xi riservi, għadda dik il-parti tiegħu, allura dik il-parti tal-kattoliċi lill-parroċċa ta' Għajnsielem. Dan sar meta l-gvern kien ipprojbixxa d-dfin fil-knejjes. Illum dan iċ-ċimiterju hu kollu, naħseb b'xi riservi iva ta' xi oqbra li kienu saru għall-morda b'mard mentali u għall-lebbrużi fiż-żmieni meta l-kwartieri ta' Chambrai kienu ġew mibdula fi sptar mentali u bħala lebbużarju.

F'ħajti jiena mbagħad rajt suldati, u forsi anke baħrin ingliżi, meta dawn kienu jiġu stazzjonati fil-fortizza Chambrai bħala f'*rest camp* . Niftakarhom dawk l-ingliżi jixorbu fil-ħwienet tar-raħal tagħna u speċjalment f'dak ta' Frenċu tal-Bej li kien iġib l-isem *Glory of England* . Min jaf kemm suldati mlaħalħin sew bix-xorb kemm-il-darba waqgħu fil-waqt li kienu minn Triq Fawwara jaqsmu għal Triq Imġarr mix-*short cut* li minn-naħa tal-Fawwara, wara ftit turġien kien biss passaġġ għoli u wiesa' xi żewġ piedi qabel dan ma kien ġie mwassa' kif jinsab illum.

Il-ħwienet tax-xorb ta' Għajnsielem kollha kienu jġibu isem Ingliż li dwarhom kont ktibt f'artiklu ieħor. Xi parata ta' dawn l-forzi armati meta kien jiġi xi riġment Ingliż għall-mistrieħ, ġo Chambrai kont rajt ukoll xi *march parade* minn Chambrai għall-Belt Victoria .

Minkejja li jiena ma niftakarx iż-żmien imbiegħed li fih kienu jiġu mibdula kontinwament il-forzi armati, għadni però niftakar sew x'kienu ħallew warajhom meta waqfu jiġu fil-knisja l-qadima tagħna għaċ-*church parade* . Dawn is-suldati Ingliżi ħallew, kif ġa' għidt fi żmien li jiena ma niftakrux, il-bankijiet li huma kienu jużaw waqt is-servizzi reliġjużi, bankijiet li mbagħad kienu jużawhom l-irġiel qabel ma daħal l-użu tas-siġġijiet, li kien

ħallashom wieħed Malti, li aħna konna nsibuh bħala s-Sur Ġużè' tat-tabakk.



Kien żmiem li fih in-nisa fil-knisja kienu joqgħodu għalihom, minn nofs il-korsija 'l fuq,u fuq siġġijiet tagħhom stess, fil-waqt li l-irġiel, kif ġa' semmejt, kienu jpoġġu fuq il-bankijiet, li kienu ħallew warajhom l-Ingliżi, u dawn kienu qegħdin minn nofs il-korsija l-isfel safejn il-fonti tal-magħmudija.

llum dawk il-bankijiet għebu, niftakar biss li konna ħallejna wieħed biex jinżamm bħala tifkira u li naħseb illum m'għadux jeżisti. Barra mill-bankijiet kont nara wkoll ġo kaxxerizz fis-sagristija libretti żgħar tas-*songs* reliġjużi li huma kienu jkantaw, u wkoll orgni żgħir, li sa meta kont għadni noħroġ mid-dar kien għadu miżmun fis-sagristija, u li fuqu jiena min jaf kemm-il-darba daqqejt f'xi funzjonijiet sempliċi.

*Dun Karm Cassar*


